**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Frar 2020

Rikors Numru: 168/2016 AL

**A B**

**Vs**

**C D E u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2016 Dr. Noel Bartolo u l-PL Katrina Zammit Cuomo ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D E u b'digriet tad-9 ta' Novembru 2016 il-PL Katrina Zammit Cuomo ġiet sostitwita bil-PL Gerald Bonello.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fil-25 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi l-esponenti huwa missier ta' tifel minuri F G B minn relazzjoni li huwa kellu mal-intimata;

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet;

3. Illi minn meta twieled il-minuri dejjem baqa` fil-kustodja de facto tal-esponenti li dejjem ha hsieb esklussivament il-bzonnijiet tal-istess minuri.
4. Illi l-intimata hija totalment assenti fil-hajja tal-minuri.
5. Illi jeħtieġ illi jiġu regolati l-kura u l-kustodja, aċċess u manteniment għall-minuri.
6. Illi minkejja t-tentattivi tal-esponenti sabiex jintlaħaq ftehim dwar l-istess anki tramite l-proċeduri ta' medjazzjoni, l-intimata ma kkoperatx u fil-fatt il-medjazzjoni kellha tingħalaq.
7. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talab li l-konvenuti jgħidu ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri F G B f'idejn l-attur, b'access ghall-intimata skont kif din l-Qorti jidhrilha li huwa xieraq fic-cirkostanzi.
2. Takkorda l-fakulta lill-attur sabiex ikun jista jiehu dawk id-deċizzjonijiet fl-interess tat-tifel, minghajr ħtieġa u awtoriżażżjoni tal-intimata.
3. Tordna lill-intimata tħallas manteniment għall-minuri F G B skont kif iffissat mill-istess Qorti.
4. Tagħti dawn il-provvedimenti kollha l-oħra li din l-Qorti jidhrilha huma fl-aħjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proċeduri kollha nkorsi mir-rikorrenti kontra l-intimata li hija ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha esponew (fol. 27);

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rappreżentati u f'dan ir-rigward minn issa

jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista` għandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati;

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrent qiegħed jitlob li jiġi fdat esklussivament il-kura u kustodja tal-minuri F G B, imwieled minn relazzjoni li r-rikorrent kellu mal-intimata. Inoltre, ġie mitlub ukoll li r-rikorrent ikun awtoriżżat jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa fl-interess tal-minuri u li l-intimata tħallas il-manteniment għall-minuri F.

Kull referenza għall-"konvenuta" f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenuta assenti u mhux għall-kuraturi li jinhatru biex jirrappreżentaw lill-konvenuta.

**Provi:**

Illi r-rikorrent xehed li hu ċittadin Taljan residenti f'Malta, u ilu aktar minn seba' snin jirrisjedi f'Malta u kien beda relazzjoni mal-konvenuta C D E Xehed li hu u C kienu joqgħodu fi Bristol fl-Ingilterra, mill-2004 sal-2009, fejn twieled il-minuri F fis-27 ta' Mejju 2005. Sussegwentement, f'Ġunju 2010, C u hu u binhom F ġew jirrisjedu f'Malta. Xehed li f'Settembru 2011 C marret vaganza fl-Ingilterra ma' binhom F u meta kienet hemm infurmatu li mhux ser tirritorna u għalhekk kellu jieħu l-miżuri kollha sabiex il-minuri F jiġi lura f'Malta. Żied igħid li C kienet fetħet proċeduri biex tieħu lura lil F iżda ma komplietx dawn il-proċeduri u fil-frattemp F baqa' dejjem taħt il-kura u kustodja tiegħu, fejn ħa ħsieb li jrabbi lill-minuri f'ambjent tajjeb. Min-naħa l-oħra, spjega li C kienet assenti u ma kkontribwietx għat-trobbija tal-minuri.

Illi xehdet H I u qalet li ilha f'relazzjoni mar-rikorrent għal dawn l-aħħar ħames snin, u li F dejjem imrobbi minnhom u illi C hija kompletament assenti mill-ħajja tal-minuri.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li f'kawżi ta' din ix-xorta,il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[1] intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[2] il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl- ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[3] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[4] illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u

[1] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Nru 2668/1996/2/RCP
[2] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Diċembru 1858
[3] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Diċembru 1858
[4] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1 RCP)

dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut…

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili.[5]

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

"(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.
(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

[5] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

(3).Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.

(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust."

APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-konvenuta ilha li telqet minn Malta minn Settembru 2011, u kienet hadet magħha lill-minuri F. Sussegwentement ir-rikorrenti kien beda l-proċedura sabiex ibnu F jirritorna lura f'Malta, u minn dak iż-żmien li l-minuri ġie lura f'Malta, dejjem kien taħt il-kura u l-kustodja tar-rikorrent li ħa ħsieb il-ħtiġijiet kollha ta' ibnu. Jirriżulta li C qatt ma rritornat lura f'Malta mill-Ingilterra, b'hekk hija kienet kompletament assenti mill-ħajja tal-minuri, u ma kinitx f'qagħda li tindukrah u tieħu ħsieb it-trobbija tiegħu. Għalhekk, huwa evidenti li f'dawn l-aħħar snin, il-konvenuta assenti żgur li ma ħaditx ħsieb il-kura u kustodja ta' binha. Tenut kont li hija telqet minn Malta, il-konvenuta ma setgħetx tkun preżenti għall-ħtiġijiet kwotidjani tal-minuri. Konsegwentement, ir-responsabbilta` għall-għixien u t-trobbija tal-minuri waqgħu fuq ir-rikorrent, li wera ruħu denju li jrabbi lil ibnu. Għalhekk, il-konvenuta ma jidhirx li aġixxiet ta' ġenitur responsabbli, kwindi l-kura u kustodja tal-minuri F għandha tkun fdata unikament u esklussivament f'idejn il-missier.

Dwar <u>l-aċċess</u>, tenut kont tal-assenza tal-konvenuta minn Malta, jekk u meta l-konvenuta tirritorna fid-domiċilju tal-minuri, preżentement hawn

Malta, tkun libera li titlob aċċess liberu versu binha, billi l-Qorti f'dak l-istadju tiddeċiedi x'ikun l-aħjar għall-minuri.

Dwar il-manteniment, il-Qorti dejjem irriteniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied huwa obbligu assolut meta wieħed ikun ġenitur. Dan ifisser li kull ġenitur għandu l-obbligu imantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu ikunu limitati, u anke meta l-ġenitur ikun assenti minn Malta. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma, li l-manteniment dovut mill-konvenuta lir-rikorrent ghall-manteniment tal-minuri għandu jkun ta' mitejn u ħamsin Ewro (Ewro250) fix-xahar li jinkludi wkoll spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax-il sena jew tibda taħdem fuq bażi full-tme skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-wild jibqa' jistudja fuq bażi *full-time*, wara li jilħaq l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk il-minuri jiddeċiedi li jmur jgħix għal rasu, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

<u>DEĊIDE</u>

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta` u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa` t-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement:

1. Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri F G B tkun fdata unikament f'idejn ir-rikorrent. Illi fir-rigward ta' aċċess tal-konvenuta għal minuri, jekk il-konvenuta tirritorna Malta u titlob aċċess għalih, jkun f'dak l-istadju li tiġi konsiderata u deċiża tali talba.

2. Tilqa` t-tieni talba u takkorda l-fakolta` lir-rikorrent sabiex ikun jista' jieħu d-deċiżjonijiet fl-interess tal-minuri mingħajr l-awtorizżazzjoni tal-konvenuta.

3. Tilqa` t-tielet talba u tordna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrent l-ammont ta' Ewro 250 fix-xahar għall-manteniment tal-minuri F liema ammont jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full time* skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-wild jibqa' jistudja full-time, wara li jilħaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji tieghu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk il-minuri jmur jgħix għal rasu, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta b'dan illi r-rikorrent għandu provvizorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.